

Brussell, 15 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12792/25

LIMITE

CLIMA 336
ENV 831

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni ta' intenzjoni tal-UE bil-ħsieb tal-preżentazzjoni ta' Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) mill-UE lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) - Approvazzjoni

1. Bħala Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha, huma mistennija jippreżentaw il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) il-ġdid tagħhom għall-2035 malajr kemm jista' jkun. Bil-ħsieb tal-COP30 f'Belém, abbażi tal-NDCs ippreżentati mill-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi sat-30 ta' Settembru 2025, is-Segretarjat tal-UNFCCC ser iħejji Rapport ta' Sinteżi tal-NDC, li jiġbor fil-qosor il-livell tal-impenji klimatiċi globali fir-rigward tal-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura medja globali tiġi limitata għal 1.5°C oġhla mil-livelli preindustrijali.
2. Is-Segretarju Ġenerali tan-NU stieden lir-rappreżentanti tal-UE flimkien ma' Partijiet oħra għall-Ftehim ta' Pariġi biex iħabbru l-NDCs il-ġodda tagħhom qabel il-COP30 waqt Summit dwar il-Klima fl-24 ta' Settembru fil-marġni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York.

3. Il-Presidenza Daniża u l-Kummissjoni Ewropea ħejjew abbozz ta' test tal-NDC li jkompli jibni fuq il-ħidma tal-Presidenza Pollakka. Skont l-abbozz tat-test tal-NDC, l-NDC tal-UE għal wara l-2030 għandu jissejjes fuq il-ftehim dwar il-mira klimatika tal-UE għall-2040 fil-proposta li temenda l-Liġi tal-UE dwar il-Klima.
4. Fit-12 ta' Settembru, il-Coreper ħejja l-laqgħa tal-Kunsill Ambjent tat-18 ta' Settembru. Dan kien jinvolvi li l-Coreper jeżamina l-proposta għal-Liġi emendata tal-UE dwar il-Klima bil-ħsieb li jintlaħaq approçċ ġenerali fit-18 ta' Settembru¹, kif ukoll l-abbozz ta' test tal-NDC tal-UE² bil-ħsieb tal-approvazzjoni tiegħu fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent fit-18 ta' Settembru.
5. Wara d-diskussjonijiet, il-Presidenza kkonkludiet li f'dan l-istadju, il-Kunsill Ambjent mhux ser ikun f'pożizzjoni li jilħaq qbil dwar il-mira klimatika għall-2040 fil-Liġi emendata tal-UE dwar il-Klima u ser jiffinalizza l-pożizzjoni tiegħu fi stadju aktar tard. Dan iħalli l-kwistjoni tal-preżentazzjoni tal-NDC pendenti.
6. Fid-diskussjoni, grupp ta' Stati Membri kienu favur li tinżamm ir-rabta mill-qrib bejn il-mira tal-UE għall-2040 u l-NDC tal-UE. Min-naħa l-oħra, grupp ieħor ta' Stati Membri ssuġġerixxa li jintbagħat NDC proviżorju lill-UNFCCC, sabiex l-UE tipprovdi NDC fil-ħin għas-Summit tan-NU dwar il-Klima u qabel l-iskadenza għar-rapport ta' sinteżi tal-NDC.
7. Sabiex issib punt komuni bejn dawn il-fehmiet diverġenti u tippermetti lill-UE żżomm il-pożizzjoni tagħha fuq quddiem fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima qabel il-COP30, il-Presidenza pproponiet kompromess fil-forma ta' Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni bil-ħsieb tal-preżentazzjoni tal-NDC tal-UE għal wara l-2030. Dan jiżgura li l-UE tkun tista' tuża s-Summit dwar il-Klima biex tippreżenta l-intenzjonijiet tagħha dwar il-preżentazzjoni ta' NDC.

¹ 12437/25

² 12439/25

8. Il-proposta għal Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni tindika l-istat tal-qafas leġislativ eżistenti tal-UE dwar il-klima u l-istat tad-diskussjoni dwar l-iżvilupp futur tiegħu. Tispjega li l-NDC tal-UE għal wara l-2030 mistenni jinkludi mira indikattiva għall-2035 ibbażata fuq il-firxa bejn trajettorja lineari indikattiva mill-miri klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-2050, minn naħa waħda, u, min-naħa l-oħra, mill-mira għall-2030 u l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal mira għall-2040 li bħalissa qed tiġi diskussa fil-Kunsill tal-UE. Barra minn hekk, tindika l-intenzjoni tal-UE li tikkomunika l-NDC il-ġdid tagħha qabel il-COP30.
9. Id-Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni mhijiex l-NDC tal-UE għal wara l-2030 u lanqas ma tissodisfa r-rekwiżiti ta' NDC uffiċjali. La mhi ser tkun inkluża fir-reġistru tal-NDCs u lanqas fir-Rapport ta' Sinteżi, peress li ma tissodisfax il-linji gwida tal-NDC. Madankollu, l-aspettattiva hi, li ladarba jintlaħaq qbil dwar l-NDC tal-UE għal wara l-2030 u dan jiġi kkomunikat lill-UNFCCC, din ser tiġi inkluża fil-kalkoli tas-Segretarjat tal-UNFCCC tal-projezzjonijiet tat-temperatura qabel il-COP30, kif kien il-każ qabel. Tali Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-ftehim dwar il-mira klimatika tal-UE għall-2040. Hija pożizzjoni ta' politika mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li hija soġġetta għall-istess proċess ta' approvazzjoni bħall-NDC.
10. Jekk tiġi approvata, il-kontenut tad-Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni tiġi kkomunikata lis-Segretarjat tal-UNFCCC u lill-Kumitat għall-Implimentazzjoni u l-Konformità tal-Ftehim ta' Pariġi mill-Presidenza Daniża u l-Kummissjoni Ewropea f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha bl-għan li tinforma dwar l-istatus tal-NDC li jmiss tal-UE u tkun il-bażi tal-komunikazzjoni tal-UE fis-Summit tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Klima fl-24 ta' Settembru, sakemm jiġu ffinalizzati n-negozzjati dwar il-Liġi tal-UE dwar il-Klima.
11. Anness, l-Istati Membri tal-UE jsibu l-abbozz ta' Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina d-Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni u jibgħatha lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

**DIKJARAZZJONI TA' INTENZJONI MILL-PRESIDENZA DANIZA TAL-KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA U MILL-KUMMISSJONI EWROPEA F'ISEM L-UNJONI
EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA BIL-ĦSIEB TAL-NDC TAGĦHOM GĦAL
WARA L-2030**

Fl-2025, infakkru l-10 anniversarju mill-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. F'din l-okkażjoni, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għall-Ftehim ta' Pariġi, għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u għall-kooperazzjoni multilaterali bħala l-uniku mezz effettiv biex tiġi indirizzata l-kriżi klimatika globali.

L-UE tissottolinja li t-tibdil fil-klima huwa theddida eżistenzjali għall-umanità, għall-ekosistemi u għall-bijodiversità, kif ukoll għall-paċi u s-sigurtà – theddida li ebda pajjiż, territorju jew reġjun mhu ħieles minnha;

L-UE żammet triqtha rigward il-klima. L-UE stabbiliet miri vinkolanti ta' tnaqqis għall-2030 ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u tal-kisba tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sa mhux aktar tard mill-2050. L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ta' tnaqqis għall-2030.

Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-UE għall-2040, inkluż rakkomandazzjoni għal mira intermedja għall-2040, filwaqt li qieset il-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, u valutazzjoni tal-impatt dettaljata u rapport dwar il-baġit tal-karbonju.

Fit-2 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet emenda għal-Liġi tal-UE dwar il-Klima, li tistabbilixxi mira legalment vinkolanti tal-UE għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2040, inkluż kontribut limitat possibbli ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi]. Fit-18 ta' Settembru 2025, il-Kunsill Ambjentali tal-UE ddiskuta l-kwistjoni iżda għadu ma ffinalizzax il-pożizzjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima, inkluż il-mira għall-2040.

Bi tweġiba għad-Deċiżjoni 6/CMA.3 u d-Deċiżjoni 1/CMA.5, l-UE u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt, ser jippreżentaw l-NDC li jmiss tal-UE b'mira indikattiva għall-2035 ta' tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' għadd li huwa mistenni li jkun bejn 66.3 % u 72.5 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Dan huwa bbażat fuq it-trajettorji lineari indikattivi mill-miri klimatiki tal-UE għall-2030 u l-2050, minn naħa waħda, u, min-naħa l-oħra, mill-mira għall-2030 u l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal mira għall-2040 li bħalissa qed tiġi diskussa fil-Kunsill tal-UE. Din il-firxa hija mingħajr preġudizzju għall-ftehim finali dwar il-mira klimatika tal-UE għall-2040 fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima.

L-NDC tal-UE, inkluż il-mira indikattiva għall-2035, ser jiġi ppreżentat mill-Presidenza Daniża tal-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, qabel il-COP30. Il-mira indikattiva tal-UE għall-2035 ser tkun ibbażata fuq ftehim dwar il-Liġi tal-UE dwar il-Klima, inkluż il-mira tagħha għall-2040.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħhom li jkomplu jmexxu bl-eżempju, billi jagħmlu progress fl-azzjoni klimatika ambizzjuża filwaqt li jrawmu t-tkabbir sostenibbli, ir-reżiljenza u l-prosperità għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.